**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D.**

**Att ta' Akkuza numru: 35/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**PAUL BORG**

**Illum, 12 ta' Dicembru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra **PAUL BORG** ta' tmienja u sittin (68) sena, iben Gerald Borg u Carmen xebba Mangion, imwieled f'Ħaż-Żebbuġ, Malta, nhar it-tnax (12) ta' April tas-sena elf u disa' mija u ħamsa u ħamsin (1955), residenti fil-fond 75, "San Ġorġ", Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ, Malta, bil-karta tal-identità bin-numru **283155M,** l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

**L-EWWEL (1) KAP**

**Offiża ta' natura gravi fuq Mario Grech**

**Il-fatti**

Illi nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija u/jew fil-ħinijiet ta' qabel matul l-istess jum senjatament bejn l-erba' u kwart u l-erba u nofs ta' wara nofs in nhar, ċertu Mario Grech (aktar il

quddiem f'dan l-Att tal-Akkuza msejjah 'il-vittma), kien qiegħed ghall-affari tieghu jobrox ħajt fid-dar ta' ibnu Norbert Grech, li tinsab fl-indirizz 79, Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ, Malta. Din id-dar hija adjaċenti għad-dar li fiha jgħix PAUL BORG, f'din l-Att tal-Akkuza msejjah 'l-akkuzat', (ta' tmienja u sittin (68) sena, imwieled f'Ħaż-Żebbuġ, Malta, nhar it-tnax (12) ta' April tas-sena elf u disa' mija u ħamsa u ħamsin (1955), residenti fil-fond 75, "San Ġorġ", Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ, Malta, bil-karta tal-identità bin-numru 283155M), flimkien ma' martu Juda Thaddea Borg, u binhom Wayne Borg. F'dak il-ħin, il-vittma Mario Grech kien qiegħed waħdu. F'daqqa waħda l-akkużat PAUL BORG sgassa il-bieb ta' barra tal-fond fejn kien jinstab il-vittma Mario Grech u baqa' dieħel fejn kien hemm Mario Grech. Il-vittma Mario Grech inħasad u qal lill-akkużat PAUL BORG sabiex joħroġ mill-fond, iżda l-akkużat PAUL BORG irrifjuta li jaghmel dan. Fil-pront, l-akkużat PAUL BORG qabad xkupa, kisser iz-zokk tagħha, u beda jagħti lil vittma Mario Grech biha. Mario Grech beda jipprova jiddefendi ruħu b'idejh. Fil-pront, daħlu fil-fond mart l-akkużat, Juda Thaddea Borg, u binhom Wayne Borg u flimkien mal-akkużat Paul Borg daru għal vittma Mario Grech, tefgħuh mal-art u bdew isawtuh f'diversi partijiet tal-ġisem bil-ponn u bis-sieq.

B'konsegwenza ta' din l-aggressjoni u d-daqqiet li tnisslu minnha, il-vittma Mario Grech sofra diversi leżjonijiet, fosthom ċikatriċi fuq moħħu (forehead) liema ċikatriċi hija twila żewġ (2) ċentimetri u hija permanenti kif ukoll ċikatriċi oħra fuq l-aspett superjuri tal-lemin tal-qurriegħa liema ċikatriċi hija twila tlieta punt ħamsa (3.5) ċentimetri u hija permanenti hekk kif determinat mill-espert mahtur mill-Qorti Dr Edward Basile Cherubino. Minn din l-aggressjoni, il-vittma Mario Grech ġarrab ukoll tbenġil fuq wiċċu.

**Il-konsegwenzi**

Illi b'għemilu, l-akkużat PAUL BORG sar ħati talli, nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija u/jew fil-ħinijiet ta' qabel matul l-istess jum u cioe' bejn l-erba' u kwart u l-erba u nofs ta' wara

nofs in nhar ġewwa Ħaż-Żebbuġ, mingħajr il-ħsieb li joqtol li jew jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mario Grech.

**<u>L-akkuża</u>**

Illi għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u għaċ-ċirkostanzi ta' żmien u lok imsemmija aktar 'il fuq f'dan il-kap ta' akkuża, jakkuża lill-imsemmi PAUL BORG, ħati talli nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel matul l-istess jum, fil-fond 79, Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ, Malta, irrenda ruħu ħati talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Mario Grech) jew ġabilha diżordni f'moħħha liema offiza hija gravi peress illi ġabet sfreġju fil-wicc tal-vittma Mario Grech liema sfregju huwa gravi u permanenti fil-wiċċ tal-vittma Mario Grech.

**<u>Il-piena mitluba</u>**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat PAUL BORG u li hu jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin, skont dak li hemm u li jintqal fl-Artikoli 17, 31, 214, 215, 216(1)(b), 218(1)(b), 218(2), 383, , 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**<u>IT-TIENI (2) KAP</u>**

**<u>Ħsara volontarja fuq ħwejjeġ mobbli u/jew immobbli</u>**

**<u>Il-fatti</u>**

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fl-ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża, u cioe' nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija u/jew fil-ħinijiet ta' qabel matul l-istess jum, ġewwa l-fond 79, Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ, Malta, l-akkużat PAUL BORG (ta' tmienja u sittin (68) sena, imwieled f'Ħaż-Żebbuġ, Malta,

nhar it-tnax (12) ta' April tas-sena elf u disa' mija u ħamsa u ħamsin (1955), residenti fil-fond 75, "San Ġorġ", Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ, Malta, bil-karta tal-identità bin-numru 283155M) daħal fil-fond79, Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ, Malta billi sgassa l-bieb ta' barra u dan billi uża l-forza. B'dan l-agir l-akkuzat Paul Borg ikkaġuna ħsarat konsiderevoli fuq dan il-bieb tant li kellu jinbidel.

Illi mill-istima esebita fl-atti, jirriżulta illi l-ħsarat li saru jammontaw għal elfejn u mitt Ewro (€2,100).

**Il-konsegwenzi**

Illi b'għemilu, l-akkużat PAUL BORG sar ħati talli nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija u/jew fil-ħinijiet ta' qabel matul l-istess jum ġewwa Ħaż-Żebbuġ, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-ħsara ma tiskorrix elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500.00) iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin Ewro (€250.00).

**L-akkuża**

Illi għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti u għaċ-ċirkostanzi aktar 'il fuq imsemmija, jakkuża lill-imsemmi PAUL BORG ħati talli nhar il-31 ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel matul l-istess jum, fil-fond 79, Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ, Malta, irrenda ruħu ħati li volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-ħsara ma tiskorrix elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500.00) iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin Ewro (€250.00) u cioe' talli ikkaġuna ħsara fuq il-bieb ta' barra tal-propjeta ta' Norbert Grech.

**Il-piena mitluba**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużat PAUL BORG u li hu jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija ta' mhux anqas

minn tmien (8) xhur u mhux aktar minn erbatax -il (14) xahar priġunerija, kif ukoll il-kumpens għad-danni jew offiża jew ħsara oħra li huwa kkaġuna skont dak li hemm u li jintqal fl-Artikoli 15A, 17, 31, 325(1)(b), 383, 532A , 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużat.

**IT-TIELET (3) KAP**

**Tentattiv ta' Omiċidju Volontarju ta' Mario Grech**

**Il-fatti**

Illi fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30 am), ġewwa l-fond bl-indirizz 79, Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ ċertu Mario Grech kien qiegħed fil-bitħa tal-fond ta' ibnu Norbert Grech jagħmel xogħlijiet fuq ħajt li jifred il-proprjeta' tiegħu minn dik tal-akkużat PAUL BORG (ta' tmienja u sittin (68) sena, imwieled f'Ħaż-Żebbuġ, Malta, nhar it-tnax (12) ta' April tas-sena elf u disa' mija u ħamsa u ħamsin (1955), residenti fil-fond 75, "San Ġorġ", Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ, Malta, bil-karta tal-identità bin-numru 283155M). Illi waqt illi Mario Grech kien fuq is-sellum jaħdem fuq il-ħajt, l-akkużat PAUL BORG tela' fuq il-bejt tal-fond tiegħu li jagħti għal fuq il-bitħa fejn kien qed jaħdem Mario Grech, ittawwal għal isfel u ra fejn kien qiegħed jaħdem Mario Grech, u bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Mario Grech f'periklu ċar waddab żewġ briksiet fid-direzzjoni ta' Mario Grech li kien fuq is-sellum. Kien biss ghall-fatt li Mario Grech irnexxielu jersaq b'tali mod li rnexxilu jizgicca lil dawn il-briksiet u kien biss ghalhekk li l-briksiet ma laquhux. Fortunatament il-ħsieb tal-akkużat PAUL BORG ma seħħx peress li ma rnexxilux jolqot lil Mario Grech, ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tal-akkużat PAUL BORG.

ILLI fix-xhieda tal-espert tekniku mahtur mill-Qorti, Dr Ing. Brian Azzopardi, flimkien max-xhieda u r-rapport tal-espert mediku forensiku mahtur mill-Qorti, Dr Mario Scerri, jirriżulta li kieku Mario Grech ma resaqx b'heffa mill-posizzjoni li kien

fiha, bis-saħħa u l-veloċita' li twaddbet il-briksa, il-forza tal-impatt kienet ċertament toqtol lil msemmi Mario Grech.

**Il-konsegwenzi**

Illi b'għemilu, l-akkużat PAUL BORG sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u cioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Mario Grech) jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

**L-akkuża**

Illi għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi PAUL BORG ħati talli fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30 am), ġewwa dawn il-Gżejjer ikkometta tentattiv ta' omiċidju volontarju fuq il-persuna ta' Mario Grech u cioe' talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Mario Grech) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

**Il-piena mitluba**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat PAUL BORG u li hu jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija ta' erbgħin sena, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 211(1)(2), 383, , 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużat.

**IR-RABA' (4) KAP**

**Ħsara volontarja fuq ħwejjeġ mobbli u/jew immobbli**

**Il-fatti**

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fit-Tielet Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża u cioe' fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30 am), ġewwa dawn il-Gżejjer u cioe ġewwa l-fond bl-indirizz 79, Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ, apparti l-briks illi l-akkużat PAUL BORG (ta' tmienja u sittin (68) sena, imwieled f'Ħaż-Żebbuġ, Malta, nhar it-tnax (12) ta' April tas-sena elf u disa' mija u ħamsa u ħamsin (1955), residenti fil-fond 75, "San Ġorġ", Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ, Malta, bil-karta tal-identità bin-numru 283155M) waddab minn fuq il-bejt tiegħu għal-ġol-proprjeta ta' Norbert Grech żewġ briksiet kif ukoll żewġ konteorituri (gerry cans) mimlija żejt maħruq fis-swimming pool li tinsab fl-istess bitħa tal-fond ta' Norbert Grech fejn dak il-hin kien qiegħed jaħdem missier Norbert Grech u cioe' Mario Grech.

Illi minħabba dawn l-azzjonijiet, l-akkużat PAUL BORG ikkaġuna ħsara fuq il-proprjeta' ta' Norbert Grech. Bis-saħħa li biha niżlu l-briks, dawn kissru l-madum li kien għadu kemm ġie mqiegħed mit-tile layer. Barra minn hekk, kagun ta ż-żejt maħruq li waddab l-akkużat PAUL BORG, Norbert Grech ġarrab ħsarat fl-area tal-iswimming pool li għandu fil-bitħa tiegħu. Iż-żejt tebba l-coping tal-pool kollu, kif ukoll xi rħam fuq iċ-ċint ħdejn dan l-imsemmi pool. Minbarra dawn il-ħsarat, l-ilma tal-pool kellu bżonn jiġi ffiltrat miż-żejt, billi jitbattal l-ilma kollu minn ġo fiha biex b'hekk tkun tista' titnaddaf sew.

Illi b'kollox dawn il-ħsarat ammontaw għal aktar minn elfejn u ħames mitt Ewro (EUR2,500).

**Il-konsegwenzi**

Illi b'għemilu, l-akkużat PAUL BORG sar ħati talli nhar it-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), ġewwa l-fond bl-indirizz 79, Triq Frans Sammut, Ħaż-

Żebbuġ volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli fl-ammont ta' iżjed minn elfejn u ħames mitt Ewro (EUR2,500) fuq il-proprjeta' ta' Norbert Grech.

**<u>L-akkuża</u>**

Illi għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkustanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar 'il fuq f'dan il-Kap tal-Att tal-Akkuża, jakkuża lill-imsemmi PAUL BORG ħati talli fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30 am), ġewwa dawn il-Gżejjer volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli fl-ammont ta' hsara li huwa iżjed minn elfejn u ħames mitt Ewro (EUR2,500).

**<u>Il-piena mitluba</u>**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat PAUL BORG u li hu jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija ta' minn tmintax -il xahar sa erba' snin, kif ikoll jiġi ordnat iħallas id-danni li kkaġuna skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 15A, 17, 31, 325(1)(a), 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużat.

**<u>IL-ĦAMES (5) KAP</u>**

**<u>Attakk jew reżistenza fuq Uffiċjal tal-Pulizija</u>**

**<u>Il-fatti</u>**

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fit-Tielet u r-Raba' Kap ta' dan l-Att ta' akkuża u cioe' fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30 am), ġewwa dawn il-Gżejjer ġewwa l-fond bl-indirizz 79, Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ, senjatament fil-bitħa fejn kien qiegħed jaħdem Mario Grech kien hemm dak il-hin prezenti Norbert Grech (li huwa iben Mario Grech) kif ukoll PC 768 Brian Farrugia. PC 768 Brian Farrugia

kien intalab sabiex imur fuq il-post sabiex iżomm il-bon ordni sakemm ikunu qed isiru x-xogħlijiet u dan in vista tad-diżgwid persistenti li kien hemm bejn iż-żewġ ġirien. Meta PC 768 Brian Farrugia ra lil akkużat PAUL BORG (ta' tmienja u sittin (68) sena, imwieled f'Ħaż-Żebbuġ, Malta, nhar it-tnax (12) ta' April tas-sena elf u disa' mija u ħamsa u ħamsin (1955), residenti fil-fond 75, "San Ġorġ", Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ, Malta, bil-karta tal-identità bin-numru 283155M) iwaddab l-ewwel briksa fid-direzzjoni ta' Mario Grech, hu mexa iktar qrib tal-akkużat PAUL BORG u ordnalu biex jieqaf milli jkompli bl-aġir tiegħu iżda PAUL BORG mhux talli ma waqafx minn dak li kien qed jagħmel izda minflok waddab kontenituri (gerry can) mimlija żejt maħruq ġos-swiiming pool li hemm fil-bitħa kif ukoll waddab briksa oħra li biha laqat lill-PC 768 Brian Farrugia b'din il-briksa f'saqajh.

**<u>Il-konsegwenzi</u>**

Illi b'għemilu, l-akkużat PAUL BORG sar ħati talli nhar it-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), ġewwa dawn il-Gżejjer, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku cioe' lil PC 768 Brian Farrugia, filwaqt li kienet qed taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti.

**<u>L-akkuża</u>**

Illi għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi PAUL BORG ħati talli fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30 am), ġewwa dawn il-Gżejjer attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku (PC768 Brian Farrugia), filwaqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti.

**Il-piena mitluba**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat PAUL BORG u li hu jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija ta' minn sitt xhur sa sentejn u għal multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (4,000) u mhux iżjed minn għaxart elef ewro (10,000), skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 96(a), 383, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużat.

Rat il-verdett tal-gurija tad-9 ta' Dicembru, 2024 fejn fil-konfront tal-akkuzat Paul Borg:

1. Fir-rigward tal-ewwel kap tal-att t'akkuza il-gurati b' 6 voti favur u 3 voti kontra, sabu lil Paul Borg hati bhala komplici skond l-ewwel kap tal-att tal-akkuza.
2. Fir-rigward tat-tieni kap tal-atti t'akkuza l-gurati bi 8 voti favur u vot kontra ma sabux lil Paul Borg hati skond it-tieni kap ta' l-Att t' Akkuza.
3. Fir-rigward tat-tielet kap tal-att t'akkuza l-gurati b' 8 voti favur u b'vot kontra sabu lil Paul Borg hati skond it-tielet kap ta' l-Att t' Akkuza.
4. Fir-rigward tar-raba' kap tal-att t'akkuza l-gurati unanimament sabu lil Paul Borg hati skond ir-raba' kap ta' l-Att t' Akkuza.
5. Fir-rigward tal-hames kap tal-att t'akkuza l-gurati unanimament sabu lil Paul Borg hati skond il-hames kap ta' l-Att t' Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Paul Borg:

1. Hati talli nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel matul l-istess jum, fil-fond 79, Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ, Malta, irrenda ruħu ħati talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Mario Grech) jew ġabilha diżordni f'moħħha liema offiza hija gravi peress illi ġabet

sfreġju fil-wicc tal-vittma Mario Grech liema sfregju huwa gravi u permanenti fil-wiċċ tal-vittma Mario Grech.

2. Mhux hati talli nhar il-31 ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel matul l-istess jum, fil-fond 79, Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ, Malta, irrenda ruħu ħati li volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-ħsara ma tiskorrix elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500.00) iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin Ewro (€250.00) u cioe' talli ikkaġuna ħsara fuq il-bieb ta' barra tal-propjeta ta' Norbert Grech.

3. Hati talli fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30 am), ġewwa dawn il-Gżejjer ikkometta tentattiv ta' omiċidju volontarju fuq il-persuna ta' Mario Grech u cioe' talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Mario Grech) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

4. Hati talli fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30 am), ġewwa dawn il-Gżejjer volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli fl-ammont ta' hsara li huwa iżjed minn elfejn u ħames mitt Ewro (EUR2,500).

5. Hati talli fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30 am), ġewwa dawn il-Gżejjer attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku (PC768 Brian Farrugia), filwaqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti.

Ikkunsidrat,

Semghet Il-provi tad-difiza ai fini ta'piena

Semghet lil **Alexandra Farrugia** tixhed in rapprezentanza tal-isptar Mater Dei fejn spjegat illi l-akkuzat ghandu diversi *entries* fil-file mediku tieghu u esebiet il-file mediku *animo retirandi* meta l-Qorti ordnat sabiex minnufih isir kopja ta' dan l-istess file u l-kopja tieghu jithalla esebit fl-atti.

Semghet lil **Judith Borg** li kkonfermat li hija mart l-akkuzat u li ilha mizzewga ghal tmeinja u erbguin sena (48) mis-sena 1976, spjegat li ghandhom erbat itfal u li minn dakinhar tal-ahhar kaz mertu tal-kawza ma kien hemm l-ebda incident iehor bejn il-familja taghha u dik tal-parti leza minkejja li baqghu jghixu bieb ma bieb ma xulxin.

Spjegat li zewgha ma ghandux sahha sana u dan ghaliex baghta minn trombozi, kellu *open heart surgery* gewwa l-Ingriterra, kellu operazzjoni tal-prosteta, ghandu pressjoni u kolesterol gholi. Qalet illi hija ma tahdimx u hija mara tad-dar.

Qieset is-sottomisjoniet tal-avukat Dr Edward Gatt ghan-nom ta' Paul Borg fejn *in primis* filwaqt li rrikonoxxa l-verdett tal-gurija u cioe' li kien wiehd b'sahhtu jghid illi ma jaqbilx mieghu, specjalment fir-rigward tas-sejba ta' htija t'attentat t'omicidju kif previst fit-tielet Kap tal-Att t'Akkuza. Irikonoxxa illi l-akkuzat ghamel hazin f'dak li ghamel fil-konfront tal-gar pero qatt ma kellu jinstab hati t'attentat ta' qtil. Spjega lil din il-Qorti ghandha diskrezzjoni meta tigi biex teroga l-piena taghha u cioe' l-parametri previsti mill-ligi dwar minimu u massimu ta' prigunerija li tista' takkorda. Illi fil-kaz in ezami minkejja l-verdett kien wiehed qawwi fir-rigward ta' htija, isostni illi din il-Qorti ma ghandiex tmur lejn il-massimu tal-piena u dan stante li l-fedina penali tal-akkuzat ghalkemm ghandha numru zghir ta' kontravenzjonijiet registrati fuqha, ma ghandhiex tigi meqjusa li hija wahda refrettarja. In oltre stqarr illi minn dakinhar tal-ahhar incident sal-lum ma sehh l-ebda incident iehor bejn l-akkuzat u l-*parte civile* u l-Qorti ghandha tqis ukoll is-sahha prekarja tal-istess akkuzat. Fir-

rigward tal-applikazzjoni tal-artikolu 15A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta stqar illi mill-atti ma jirrizultax ezattament kemm kienu d-danni sofferti minn Norbert Grech u ghalhekk il-Qorti wkoll ghandha d-diskrezzjoni taghha dwar il-*quantum* li din il-Qorti ghandha tikkundanna lill-akkuzat ihallas pero' xtaq illi tali materja tithalla sabiex tigi deciza fi forum ohra.

Qieset dak li qalet il-prosekutur Dr Darlene Grima tghid illi fir-rigward tal-ferita gravi l-piena ghandha tkun dik naxxenti mill-Artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-piena li ghandha tinghata fir-rigward il-Kap tal-Akkuza dwar attentat t'omicidju ghandha tirrifletti l-verdett b'sahhtu li nghata lill-gurija. Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-artikolu 15A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba l-fatt illi l-gurija sabet lill-akkuzat hati talli kkaguna hsarat volontarji f'ammont li jeccedi €2,500, huwa dan l-ammont li ghandu jigi rifless bhala danni sofferti mill-parte civile Norbert Grech

Qieset ukoll dak li qal l-Avukat Arthur Azzopardi bhala avukat parte civile fejn iddikjara illi bi qbil mal-familja Grech huwa kien ser jirrimetti ruhu ghal piena li din il-Qorti thoss li ghandha tghati.

Rat il-fedinal penali aggornata tal-akkuzat.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti thoss illi ma ghandiex ghalfejn tissottolinea l-piena li tista' tinghata fir-rigward l-akkuzi li taghhom l-akkuzat instab hati, pero' fir-rigward tat-tielet Kap tal-Att t'Akkuza, l-Qorti thoss illi ghandha taghti spjega ta' dak li tipprovdi l-ligi sabiex ma jkun hemm l-ebda malintiz fl-interpretazzjoni tal-piena li ser tigi erogata minn din il-Qorti. Ir-reat t'omicidju volontarju jgorr mieghu piena t'ghomor prigunerija kif dispost fl-Artikolu 211(1) tal-Kodici Kriminali, pero' f'dan il-kaz l-akkuzat instab hati ta' tentattiv ta' dan ir-reat u ghalhekk skont l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali *l-piena stabbilita' ghad-delitt ikkunsmat jitnaqqas bi grad jew zewg gradi.* Skond l-Artikolu 31(1)(a) tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar it-tlugh u l-inzul minn piena ghal ohra,

fil-piena ta' prigunerija ghal ghomor, l-inzul isir skond l-iskala tal-pieni ta' prigunerija kif specifikat fil-paragrafu b. Skond is-sub-inciz b tal-Artikolu 31(1), l-iskala tal-piena ta' prigunerija hija din li gejja: (i) minn ghaxar snin sa erbghin sena; (ii) minn tmien snin sa tletin sena . Ghalhekk il-minimu li tista' taghti l-Qorti f'dan ir-rigward huwa sa tletin sena.

Il-Qorti thoss illi fir-rigward ta' din l-akkuza sejra tapplika l-inzul ta' zewg gradi u dan ghaliex minkejja li l-gurati sabu lill-akkuzat hati ta' dan ir-reat qieset illi ma kienx hemm feriti li gew subiti fuq il-persuna ta' Mario Grech kagun tar-reat t'attentat t'omicidju.

Il-Qorti filwaqt li tapprezza illi l-verdett tal-gurati kien wiehed b'sahhtu thoss illi l-piena kif proposta mill-ligi kif appena spjegat fic-cirkostanzi, hija wahda harxa u ghalhekk ser tapplika l-piena iktar lejn il-minimu taghha.

Illi cioenonostante pero' flimkien ma din il-piena tat-Tielet Kap tal-Att t'Akkuza, l-Qorti trid ukoll tikkundanna lill-akkuzat ghar-reati l-ohra li ghalihom huwa nstab hati.

Ikkunsidrat,

Għalhekk din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15A, 17, 31, 41(1)(a), 42(a)(d), 96(a), 211(1)(2), 214, 215, 216(1)(b), 325(1)(a), 383, 467(2) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara illi mhux issib lill-akkuzat Paul Borg hati tat-tieni Kap. Tal-Att t'Akkuza u konsegwentament tilliberah minnha, pero' tiddikjara li qed issibu hati tal-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) Kapi tal-Att t' Akkuza u tikkundanna lill-hati Paul Borg ghall-piena ta' tnejn u tletin (32) sena prigunerija u ghall-multa t'erbat elef euro (€4,000).

Tikkundanna wkoll lill-akkuzat ihallas l-ispejjez tal-perizji, konsistenti fis-segwenti:

1. Is-somma ta' €797.03 li thallset lil Dr Stephen Farrugia Sacco skond ir-relazzjoni tieghu SFS1 a fol 108 et seq tal-atti;
2. Is-somma ta' €815.46 li thallset lil Perit Valerio Schembri skond ir-relazzjoni tieghu VS1 a fol 224 et seq tal-atti;
3. Is-somma ta' €872.00 li thallset lil Inginier Brian Azzopardi skond ir-relazzjoni tieghu BA a fol 260 et seq tal-atti;
4. Is-somma ta' €206.50 li thallset lit-tabib Mario Scerri skond ir-relazzjoni tieghu MS1 a fol 294 et seq tal-atti;
5. Is-somma ta' €332.69 li thallset lit-tabib Edward Basile Cherubino skond ir-relazzjoni tieghu EC1 a fol 57 et seq (VOL II) tal-atti;

Total ta' €3,023.68.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali fl-ammont totali ta' €3,023.68 ma jithallsux jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Tordna il-konfiska tal-*corpus delicti* u cioe' l-briksiet esebit fl-atti.

Tobbliga lill-Paul Borg ma jimmolestax lil Mario Grech u PC 768 Brian Farrugia fuq penali ta' elfejn euro (€2,000) f'kull kaz fin-nuqqas ghal zmien sena. Dan l-obbligu jibda jgħodd minn dak in-nhar li fih il-piena karcerarja tiġi skuntata jew maħfura skond l-Artikolu 383(3) tal-Kap 9.

Tordna lil Paul Borg ihallas lil Norbert Grech l-ammont ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500) ai fini tal-Artikolu 15A tal-Kodici Kriminali bhala kumpens ghad-danni minnu sofferti ai fini tar-Raba' Kap tal-Att t' Akkuza.

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**